# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum it-Tnejn 7 ta' Novembru, 2022

**Rikors Nru: 949/2022 ISB**

**Dr. Ann Fenech (K.I. Nru 28763(M)) bhala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-bank esteru Deutsche Bank Luxembourg S.A. ta' 2 Boulevard Konrad Adenauer, 1115, Luxembourg,** hekk kif surrogat fid-drittijiet ta' **Matthew Gusman** (KI Nru 460180(M)) ezercitanti ghall-kummerc taht l-isem Gusman Yachting, **Ian Sabet** detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 554011512, **Pawel Jaroslaw Makosa** detentur tal-passaport Pollakk bin-numru EG 1223343, **Luka Frankovic** detentur tal-passaport Kroat bin-numru 222549236, **Richard Guy Moody** detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 128944964, **Stefan Anton Kurt Andersson** detentur tal-passaport Svediz bin-numru 97542466, **Ivan Simic** detentur tal-passaport Kroat bin-numru 011533284, **Mincho Michev** detentur tal-passaport Bulgariz bin-numru 385523765, **Romanela Gicic** detentrici tal-passaport Kroat bin-numru 184812315, **Dorde Nenodovic** detentur tal-passaport Serb bin-numru 016512483, **Danijela Vuckovic** detentrici tal-passaport Serb bin-numru 013113319, **Yulius** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru C0751767, **Leonar Tobing** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru C8100985, **Syafrizal** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru C8651785, **Melki Hermanto Tarihoran** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru B9191611, **Muliawan Adi Prasetyo** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru C7571219, **Michael Rosevelt Kamasi** detentur tal-passaport Indonezjan bin-

numru C2130894, **I Nengah Purwana** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru C0909736, **Utung Surapati Purba** detentur tal-passaport Indonezjan bin-numru C6442270, **Zhivko Tenev Tenev** detentur tal-passaport Bulgariz bin-numru 385120534, **Plamen Petrov** detentur tal-passaport Bulgariz bin-numru 385316291, **Marko Lovric** detentur tal-passaport Kroat bin-numru 326560718, **Marin Dubravac** detentur tal-passaport Kroat bin-numru 037145932, **Bjorn Louis Plymoth** detentur tal-passaport Svediz bin-numru 36762067, **Janet Chin Yen Yun**, detentrici tal-passaport Malasjan bin-numru A51911161, **Lucas Rene Hugues Gourio** detentur tal-passaport Francis bin-numru 13DD09266, **Marcin Piotr Szewczyk** detentur tal-passaport Pollakk bin-numru EE 7467181, **Robert Anthony Cullen** detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 514273701, **Anna Diachenko** detentrici tal-passaport Ukran bin-numru FN582715, u kif surrogat ukoll fid-drittijiet tas-socjetajiet **Maltin Salvo Grima & Sons Limited** (C-9253), **Palumbo Superyachts Limited** (C-91713) u **Fire-tech Limited** (C 17901) kif ukoll fid-drittijiet tas-socjetajiet esteri **United Insurance Brokers Limited,** registrata gewwa l-Ingilterra, **A to Z Marine Ltd** registrata gewwa l-Ingilterra, **Edge Versicherungsmakler Gmbh** socjeta' Germanzia bil-fergha gewwa l-Ingilterra, **Van Berge Henegouwen Installaties B.V**. inkorporata gewwa l-Ollanda, **Lintech Testing Services Limited** registrata gewwa L-Ingliterra, **Nigel Burgess Limited** registrata gewwa L-Ingliterra, **Verifavia SAS** inkorporata go Franza, **Blue Marine Travel Limited** registrata gewwa L-Ingliterra, **Bora Marine Services D.O.O**. registrata gewwa Montenegro u **tal-Awtorita' Marittima gewwa Bermuda.**

**VS**

**Il-Bastiment Golden Odyssey (IMO 9648788)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq mir-rikorrenti noe. fit-18 ta' Ottubru 2022 bid-domumenti kollha annessi mieghu, u minn fejn jirrizulta illi r-rikorrenti noe. qeghda titlob lil din il-Qorti, sabiex, ghar-ragunijiet hemmek premessi u ***a tenur tal-Artikolu 167 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lill-bank rikorrent fil-kapacita' fuq premessa s-somma globali ta' tlett miljun, erbgha mija***

***u tlieta u sebghin elf, sebgha mija u tmienja u sebghin Euro u sitta u sittin centezmu (€3,473,778.66), bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontral-bastiment intimat li hu min issa ngunt ghas-subizzjoni***, u dan wara illi gie premess is-segwenti:

1. *Illi l-bank rikorrent esteru Deutsche Bank Luxembourg S.A huwa kreditur ipotekarju tal-bastiment Golden Odyssey (IMO Nru 9648788), liema bastiment huwa l-proprjeta' tas-soċjeta' estera Kal Marine Limited, inkorporata gewwa l-Bermuda, u l-istess bank ghandhu mortgage (ipoteka navali) registrat a favur tieghu fuq l-istess bastiment.*

2. *Illi minhabba inadempjenzi u nuqqasijiet da parti tas-sidien tal-bastiment, il-bank rikorrent kellu jarresta l-bastiment gewwa Malta u jenforza l-ipoteka tieghu permezz ta' Bejgh approvat mill-Qorti tal-Bastiment ai termini tal-Artikolu 358 et seq ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Illi b'sentenza datat 14 ta' Ottubru 2022 dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat tali bejgh lix-xerrej prospettiv ghall-prezz indentifikat u ghalhekk fil-jiem li gejjin dan il-bejgh ser jigi ffinalizat fil-mument meta jigi ddepozitat il-prezz ghall-bejgh fir-Registru u sussegwentament jinhareg il-bill of sale a favur ix-xerrej.*

4. *Illi nel frattemp u ghal dawn l-ahhar xhur is-sidien tal-bastiment intimat ma kienux qeghdin joneraw l-obbligi taghhom vis-à-vis l-ekwipagg abbord il-bastiment kif ukoll il-kredituri taghhom, u dan peress li ma kienux qeghdin ihallsu l-fatturi dovuti minnhom u l-pagamenti ohra dovuti inkluzi l-ispejjez dovuti lill-amminstrazzjoni tal-bandiera tal-bastiment kif ukoll il-pagi tal-membri kollha tal-ekwipagg.*

5. *Illi f'dan l-isfond il-bank rikorrent kellu jintervjeni sabiex jissalvagwardja l-manutenzjoni u l-preservazzjoni tal-bastiment intimat u biex l-ekwipagg abbord ma jispiccax f'sitwazzjoni ta' abbandun hawn Malta.*

6. *Illi kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel, il-bank rikorrent hallas numru ta' kredituri tal-bastiment intimat bil-konsegwenza illi l-istess bank rikorrent gie surrogat fid-drittijiet tal-istess kredituri ghal dawk l-ammonti li gew mhallsin.*

7. *Illi b'kollox il-bank hallas l-ammont globali ta'* ***tlett miljuni, erbgha mija u tlieta u sebghin elf, sebgha mija u tmienja u sebghin Ewro***

***u sitta u sittin centezmu** (**€3,473,778.66)** lill-krédituri tal-bastiment intimat, u dan skond ir-rendikont hawn anness u mmarkata bhala* ***Dokument AF1.*** *Dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jirrigwarda pretenzjonijiet in rem li jgadwu privilegg specjali fuq il-bastiment intimat ai termini ta' Artikolu 50 ta' Kapitolu 234 ta' Ligijiet ta' Malta.*

8. *Illi din il-kawza qedgha tigi ntavolata sabiex il-bank rikorrent fil-kapacita' premessa jkun jista' jigbor u jirkupra l-istess ammonti mill-bastiment intimat.*

### *A. KAPTAN, UFFIĊJALI U MEMBRI TAL-EKWIPAĠĠ*

9. *Illi sfortunatament il-bastiment intimat u s-sidien tieghu naqqsu mill-obbligi taghhom billi l-membri tal-ekwipagg li hadmu abbord il-bastiment intimat ma gewx mhallsin l-pagi, salarji u hlasijiet ohra dovuti lilhom skond is-Seafarer Employment Agreements taghhom, u kif is-sidien kienu obbligati jaghmlu ukoll skond il-ligi tal-bandiera tal-bastiment u d-dispozizzjonijiet tal-Maritime Labour Convention 2006, liema Konvenzjoni giet ratifikata wkoll minn Malta.*

10. *Illi nonostante l-interpellazzjonijiet varji da parti tal-istess kaptan, uffiċjali u membri tal-ekwipaġġ sabiex jitħallsu l-ammonti dovuti skond il-kuntratti tal-impjieg taghhom, is-sidien tal-bastiment intimat baqgħu inadempjenti.*

11. *Illi sabiex dawn il-membri tal-ekwipagg ma jispiccawx f'sitwazzjoni prekarja u cioe' f'pajjiz barrani bla ebda mezz ta' ghexien jew flus f'idejhom, u/jew sabiex dawn ikunu f'posizzjoni li jmorru lura lejn pajjizhom, il-bank rikorrent iddecieda li jhallas l-ammonti dovuti mis-sidien tal-bastiment intimat lil dawn il-membri tal-ekwipagg sad-data tar-ripatriazzjoni taghhom, bil-konsegwenza li l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-istess kaptan, uffiċjali u membri tal-ekwipaġġ.*

12. *Illi il-bank rikorrent ghalhekk hallas s-sommom kollha dovuti lill-ekwipagg rappreżentanti f'pagi, salarji, entitlements ohra kif ukoll l-spejjez ta' ripatriazzjoni.*

13. *Illi in vista ta' dawn il-pagamenti, kull membru tal-istess ekwipagg iffirma Receipt Letter and Evidence of Payment Subrogation a favur il-bank rikorrent fejn ikkonfermaw inter alia illi (1) dawn is-sommom mhallsin kienu kollha dovuti lilhom ghall-impjieg taghhom abbord l-bastiment; (2) li l-bank rikorrent hallashom l-istess ammonti; u (3) li l-*

*bank rikorrent gie surrogat fid-drittijiet taghhom. Kopji ta' dawn ir-Receipt Letters And Deed of Subrogation hawn annessi u mmarkati kollettivament bhala* ***Dokument 'AF2'***

14. *Illi jinghad ukoll li dawn il-krediti in rem jgawdu privilegg specjali fuq il-bastiment intimat a tenur tal-artikolu 50(h) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta*

***B. Hlasijiet minn but l-ekwipagg ghaz-zamma tal-bastiment fi stat tajjeb***

15. *Illi minhabba l-istat ta' emergenza li sab ruhhu fih il-bastiment intimat meta s-socjeta proprjetarja tieghu waqfet thallas il-kredituri taghha, il-Kaptan u xi uhud mill-membri tal-ekwipagg kellhom jhallsu certu spejjez minn buthom stess sabiex l-istess bastiment jibqa' fi stat li jista' jopera u sabiex l-membri tal-ekwipagg ma ssibux ruhhom f'stat ta' perikolu abbord il-bastiment intimat.*

16. *Illi minhabba l-fatt illi dawn il-krediti jirrigwardjaw pretenzjonijiet in rem u u li lkoll jgawdu minn privileggi specjali a tenur tal-artikoli 50(g) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, l-bank rikorrent ha d-decizjoni li jhallas lill-istess membri tal-ekwipagg ghal dawk l-ispejjez bil-konsegwenza li gie surrogat fid-drittijiet tal-istess kaptan u membri tal-ekwipaġġ.*

17. *Illi in vista ta' dawn il-pagamenti, l-kaptan u l-membri tal-ekwipagg li gew rimborsi iffirmaw Receipt Letter And Evidence of Payment Subrogation a favur il-bank rikorrent fejn ikkonfermaw inter alia illi (1) dawn is-sommom mhallsin kienu kollha dovuti lilhom mill-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu (2) li l-bank rikorrent hallashom l-istess ammonti u (3) li l-bank rikorrent gie surrogat fid-drittijiet taghhom. Kopji ta' dawn ir-Receipt Letter And Deed of Subrogation hawn annessi u immarkati kollettivament bhala* ***Dokument 'AF3'.***

***C. Kredituri ohra***

18. *Illi minn mindu l-bastiment intimat dahal gewwa l-ibhra territorjali ta' Malta, il-bastiment intimat kellu naturalment jordna numru ta' provvisti kif ukoll diversi kunsinji ta' bunker fuel sabiex l-istess bastiment jibqa' fi stat li jista' jopera u sabiex l-membri tal-ekwipagg jkollhom ikel u ilma sabiex jghixu. Nonostante li dawn il-provvisti u provizzjonjiet gew forniti abbord il-bastiment, is-sidien naqsu milli jhallsu ghalihom.*

19. *Di piu, numru ta' servizzi krucjali bhal per ezempju l-poloz ta' assigurazzjoni tal-bastiment intimat (kemm Hull & Machinery u Protection & Indemnity) ma kienux gew mhallsin mis-sidien tal-bastiment. Illi ghal kull buon fini jinghad illi minghajrhom bastiment ikun f'stat ta' illegalita' u fi perikolu li jinghalaqlu l-registru tieghu gewwa l-Bermuda.*

20. *Illi minhabba l-fatt illi dawn il-krediti huma relatati ma' spejjez maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment intimat u tal-apparat tieghu u/jew spejjez ta' provisti u provizjonijiet ghall-istess bastiment u l-ekwipagg tieghu u li ghalhekk lkoll huma pretenzjonijiet in rem u li jgawdu privilegg specjali a tenur tal-artikolu 50(g) u/jew 54 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, l-bank rikorrent ha d-decizjoni li jhallas dawn l-ispejjez kollha bil-konsegwenza li gie surrogat fid-drittijiet tal-kredituri tal-bastiment intimat.*

21. *Illi in vista ta' dawn il-pagamenti, l-kredituri kollha li gew mhallsin mill-bank rikorrent iffirmaw Receipt Letter And Evidence of Payment Subrogation fejn ikkonfermaw inter alia illi (1) dawn is-sommom mhallsin kienu kollha dovuti lilhom mill-bastiment intimat u/jew is-sidien tieghu; (2) li l-bank rikorrent hallashom l-istess ammonti ; u (3) li l-bank rikorrent gie surrogat fid-drittijiet taghhom. Kopji ta' dawn ir-Receipt Letter And Deed of Subrogation hawn annessi u immarkati kollettivament bhala* ***Dokument 'AF4'.***

***D. Krediti Kollha Certi Likwidi u Dovuti***

22. *Illi dawn il-krediti kollha li gew imhallsin mill-bank rikorrent huma pretenzjoniet in rem kontra l-bastiment intimat ai terminu tal-Art. 742B et seq. ta' Kap 12 u Art 50. ta' Kap 234, kif ukoll kollha jgawdu privilegg specjali a tenur tal-imsemmi Art 50 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.*

23. *Illi ghalhekk dawn il-fuq imsemmija debiti kollha huma certi, likwidi u dovuti mill-bastiment intimat u r-rikorrenti nomine taf li l-bastiment intimat ma ghandhu l-ebda eccezzjoni valida x'jissoleva u taf hija nnifisha bil-fatti kif fuq indikati.*

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Ottubru 2022 minn fejn jirrizulta illi l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-llum 7 ta' Novembru 2022, filwaqt illi giet ordnata n-notifika lill-bastiment intimat.

Rat illi l-bastiment intimat gie notifikat dak in-nhar stess, ossia nhar it-18 ta' Ottubru 2022;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma llum stess, minn fejn jirrizulta illi r-rikorrenti noe. pprezentat nota ta' riduzzjoni fl-ammont miltub fir-rikors promotur, u dan in segwitu ghall-fatt illi l-bank rikorrent ircieva rimbors ta' xi somom mhallsin minnhu, inter alia s-socjetajiet ta' assikurazzjoni tal-P&I u tal-H&M tal-bastiment intimat. Illi ghalhekk is-somma mitluba bir-rikors promotur, is-sorte, kienet issa dik ta' ***tlett miljun, mitejn u wiehed u ghoxrin elf, sebgha mija u tlieta u tletin Euro u hamsa u disghin centezmu (€3,221,733.95).***

Rat in-nota ta' ammissjoni ghat-talba kif ridotta pprezentata mid-difensuri tal-bastiment intimat kif pprezentata fl-istess seduta.

**Ikkunsidrat**:

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Bank rikorrent esteru Deutsche Bank Luxembourg S.A. huwa kreditur ipotekarju tal-bastiment intimat, li l-bejgh tieghu kien gie awtorizzat b'sentenza tal-14 ta' Ottubru 2022.

Illi l-bank rikorrent intervjena fix-xhur li ghaddew sabiex jissalvagwardja u jippreserva l-bastiment intimat u dan billi anke hallas numru ta' krendituri tal-bastiment u gie surrogat fid-drittijiet tal-istess kredituri.

Illi saru hlasijiet u l-bank rikorrent gie surrugat fid-drittijiet ta' tali hlasijiet, fl-ammont globali ta' tlett miljun, mitejn u wiehed u ghoxrin elf, sebgha mija u tlieta u tletin Euro u hamsa u disghin centezmu (€3,221,733.95), (kif ridott).

Illi l-bank rikorrenti pprezenta d-dokumentazzjoni kollha relattiva f'dan ir-rigward.

Illi l-bank rikorrent kellu jintavola din il-procedura sabiex ikun jista' jigbor u jirkupra l-istess ammonti mill-bastiment intimat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-vapur intimat mhux biss ma kkontestax il-fatti kif spjegati fir-rikors guramentat u kif hawn fuq riprodoti, imma ukoll illi huwa ammetta ghat-talba fl-ammont kif ridott permezz ta' nota illi huwa pprezenta fis-seduta mizmuma.

Illi l-Qorti ftit jifdal xi tghid ghajr illi tghaddi biex tilqa', f'dawn ic-cirkostanzi, it-talba kif ridotta u maghmula.

**Għaldaqstant** fid-dawl ukoll tan-nota ta' ammissjoni, tal-provi mressqa u tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qiegħda tghaddi biex tilqa' t-talba u bid-dispensa tas-smigh a tenur ***tal-Artikolu 167 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lill-bank rikorrent fil-kapacita' fuq premessa, is-somma globali ta'*** **tlett miljun, mitejn u wiehed u ghoxrin elf, sebgha mija u tlieta u tletin Euro u hamsa u disghin centezmu (€3,221,733.95)*.***

***Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat*.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**